**Kapitlu 3 :** **Inħobbu lil xulxin bħal aħwa**

**Lezzjoni 3.12:** **M'għandix x'nagħtik, imma nistgħu nkunu ħbieb**

**L-Għanijiet:**



**It-tfal:**

1. Jagħrfu li biex tħobb m'hemmx bżonn li tagħti rigali.
2. Jesprimu l-imħabba tagħhom mingħajr ma jagħtu rigali, ġugarelli jew flus lil xulxin.

**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**

- PPT Presentation bi stampi relatati mas-suġġett.
- Kamera diġitali.
- printer .
- 3 kartonċin ikkuluriti.
- markers.
- kuluri.



**Naqsmu flimkien:**



- Ibda l-lezzjoni billi tikteb il-frażi

  "Inkunu aħwa ta' xulxin" fuq il-'whiteboard'.

- Ladarba t-tfal jaqraw il-frażi, staqsihom xi tfisser li nkunu aħwa ta' xulxin u x'irridu nagħmlu biex nuru li aħna aħwa ta' xulxin.

- Għin lit-tfal jesprimu l-ideat tagħhom mingħajr ma joħorġu 'l barra mis-suġġett permezz ta' mistoqsijiet diretti.

- Barra minn hekk uża l-PPT Presentation sabiex it-tfal jiddiskutu l-istampi ppreżentati lilhom filwaqt li jidentifikaw li sabiex ikunu aħwa ta' xulxin, huma mistennija jilagħbu, jgħinu u jħobbu lil xulxin.

**Nisimgħu flimkien:**

- Hawn importanti li t-tfal jifhmu li sabiex ikunu aħwa ta' xulxin m'hemmx bżonn li jagħtu rigali, ġugarelli jew flus lil xulxin.

- Sabiex tispjegalhom dan, ibda billi tistaqsi dan li ġej … X'nista' nagħmel biex nuri lil ħaddieħor li nħobbu?

- Agħti ħin biżżejjed lit-tfal biex jesprimu ruħhom iżda jekk ma jaslux biex isemmu rigali, ġugarelli jew flus, kun int li tistaqsihom hux tajjeb li jagħtu affarijiet hekk lil xulxin biex juru li huma aħwa ta' xulxin.

- Uża mistoqsijiet bħal : "Hemm bżonn nagħtik rigal biex int tkun taf li inħobbok? Mhux biżżejjed għalik jekk nilgħab miegħek u ngħinek meta jkollok bżonn? Mhux xorta taf li jien inħobbok u li jien u int aħwa?"

- Importanti li tfiehem lit-tfal kif minkejja li r-rigali huma mod ta' kif nuru mħabbitna lejn xulxin, ir-rigal m'humiex bżonnjużi ta' kuljum u l-ħin kollu.

- Fakkar li:
    1. Ikunu ħbieb tassew meta jieħdu pjaċir li jkunu flimkien.
    2. Ir-rigali li jistgħu jagħtu lil xulxin huma:



- Biżżejjed li jilagħbu flimkien.
- Jgħinu lil xulxin minn qalbhom.
- Iċemplu lil xi ħadd marid.
- Jitolbu għal dawk li għandhom xi bżonnijiet.
- Ir-rigali juru mħabba, imma m'humiex bżonnjuż ta' kuljum u l-ħin kollu.

**Nikbru flimkien:**

- Spjega kif sabiex ilkoll ma ninsewx li aħna kapaċi nkunu aħwa ta' xulxin billi nilagħbu flimkien, ngħinu lil xulxin u nħobbu lil xulxin, illum ser nibnu 'chart' bir-ritratti tagħna.

- Fuq kull kartonċina kkulurita l-għalliema mistennija tkun lestiet il-kliem "Aħna" … "aħwa ta'" … "xulxin" rispettivament.

- Filwaqt li gruppi żgħar ta' tfal jingħataw kartonċina kull wieħed sabiex jimlew bil-kulur, il-kliem mogħti lilhom; gruppi oħra jaħdmu mal-għalliema biex joħolqu xeni differenti fil-klassi li juru 'għajnuna', 'logħob flimkien' u mħabba.

**Nagħżlu flimkien:**

- L-għalliema tgħin lit-tfal jieħdu r-ritratti ta' dawn ix-xeni u tipprintajhom biex it-tfal stess iwaħħluhom fuq il-kartonċin.
- Dawn il-kartonċin jistgħu umbagħad jingħaqdu ma' xulxin biex jiffurmaw 'chart' waħda u jitwaħħlu fil-klassi jew fuq in-'noticeboard'.

- ***Inħobbok allavolja ma nagħtikx rigal. Ir-rigali mhux kollox.***

